Min jirċievi dan ir-rikors kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċjoè minn meta jkun irċeviha. Jekk ma jiġix preżentat ir-risposta bil-miktub kif trid il-liġġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-ligi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan r-rikors li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Charles Izzo (KI 142450M), Sandra Chetcuti (KI 493963M), Anthony Izzo (KI 987948M), Theresa sive Marthese Farrugia (KI 529346M) f'isimha proprju u bħala mandatarja tal-imsefrin Joe Fasi u Carol Gerald, Carmela sive Ena Cauchi (KI 575551M), Josephine sive Josepha Caruana (KI 346757M), f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' Julie Ascolese u Janet Ascolese, George Betts (KI 895045M), Dott. Michelina sive Michelle Tabone (KI 138371) f'isem u għan-nom ta' Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta.

vs

L-Avukat Dott. Felice Mattia u Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b'digriet tal-4 ta' Settembru, 2023, ġew nominati bħala Kuraturi Deputati, sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese.

Rikors ta' Charles Izzo et

Jesponi bir-rispett u Charles Izzo bil-ġurament jikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti, flimkien mal-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese huma s-sidien tal-fond bin-numru 29 bl-isem 'Redentur' fi Triq il-Foss, Paola;

2. Illi l-fond imsemmi kien jappartjeni lil Charles Ascolese u Julia Ascolese li mietu fit-3 ta' Jannar, 1947, u fil-5 ta' Diċembru, 1973, rispettivament (Dok. A u Dok. B);

3. Illi l-imsemmija konjuġi Ascolese kellhom testment datat 15 ta' Ġunju, 1946, fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri (Dok. C) fejn istwixxew bħala eredi universali tagħhom li għaxar ulied tagħhom u ċjoè lill-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese, Maria xebba, Vincenza li kienet

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, in the records of the Sworn Application number 737/2023HM, which was filed on the 13th July, 2023, in the names: Izzo Charles et vs Deputy Curators, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap.16 for the purpose of service of the respondents.

In the First Hall of the Civil Court

The recipient of this application against him is to file a reply within twenty (20) days from the date of service, i.e. from receipt thereof. If a written reply is not presented according to law by the said time, the Court shall proceed to give its decision according to law. Thus it is in the interest of those who receive this application to speak to a lawyer without delay so that the Court hears what it has to say in the case.

Charles Izzo ID 142450M, Sandra Chetcuti (ID 493963M), Anthony Izzo (ID 987948M), Theresa sive Marthese Farrugia (ID 529346M) in her own name and as mandatary of the abroad Joe Fasi and Carol Gerald, Carmela sive Ena Cauchi (ID 575551M), Josephine sive Josepha Caruana (ID 346757M), in her own name and as mandatary of Julie Ascolese and Janet Ascolese, George Betts (ID 895045M), Dr Michelina sive Michelle Tabone (ID 138371) in the name and on behalf of Pontifical Missionary Operations in Malta.

vs

By decree issued on the 4th September 2023, Dr Felice Mattia and Legal Procurator Veronica Rossignaud were nominated as Deputy Curators and to represent heirs unknown to Emanuel Ascolese.

Application of Charles Izzo and Others

Respectfully pleads and Charles Izzo confirms with oath:

1. That the applicants, together with the unknown heirs of Emanuel Ascolese are the owners of the premises with number 29 with the name 'Redentur' in Triq il-Foss, Paola;

2. That the said premises belonged to Charles Ascolese and Julia Ascolese who died on the 3rd January, 1947, and on the 5th December, 1973, respectively (Doc. A and Doc. B);

3. That the said spouses Ascolese had a will dated 15th June, 1946, in the records of Notary Eduardo Calleja Schembri (Doc. C) where they were set up as their universal heirs who had ten of their children and namely Canon Giuseppe Maria Ascolese, Maria née, Vincenza who was

xebba, Emanuele, Giovanni, Maria Stella xebba, Antonia mart Antonio Fasi, Amelia mart Giuseppe Izzo, Carmela xebba, u Paolina xebba;

4. Illi fis-16 ta' April, 1972, miet il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese u in forza tal-aħħar testment tiegħu in atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tat-22 ta' April, 1964, ħatar bħala eredi universali tiegħu lil erba' ħutu xebbiet, Vincenza, Maria Stella, Maria u Carmela fuq imsemmija (Dok. D);

5. Illi John Ascolese miet fis-27 ta' Marzu, 1980 (Dok. E) u miet bla testment u għaldaqstant l-eredità tiegħu għaddiet fuq it-tlett itfal tiegħu Julie, Janet u Paul aħwa Ascolese. Paul Ascolese miet bla testment u l-eredità tiegħu għaddiet għand Julie u Janet aħwa Ascolese (Dok. F);

6. Illi fis-7 ta' April, 1995, mietet Vincenza Ascolese, xebba. In forza tal-aħħar testment tagħha in atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 17 ta' Settembru, 1974, l-imsemmija Vincenza Ascolese istitwiet bhala eredi tagħha lit-tliet ħutha xebbiet Maria Concetta, Maria Stella u Maria Carmela (Dok. G);

7. Illi fil-11 ta' Frar, 1998, mietet Antonia Fasi mart Anthony Fasi u mietet bla testment u għaldaqstant l-eredità tagħha għaddiet għand iż-żewġ uliedha Julia Carol sive Carol Guerard mart Ronald u Joseph aħwa Fasi (Dok. H);

8. Illi fis-17 ta' Settembru, 2000, mietet Maria Stella Ascolese, xebba. In forza tal-aħħar testment tagħha in atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 17 ta' Settembru, 1974, u hija kienet istitwiet bhala eredi tagħha lil ħutha xebbiet Vincenza (li mietet qabilha) fuq imsemmija Maria Concetta u Maria Carmela aħwa Ascolese. (Dok. I) Maria Carmela Ascolese mietet xebba fis-6 ta' Awwissu, 2008, u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat, 5 ta' April, 2001, fejn hija kienet ħalliet l-eredità tagħha lil oħtha Maria Concetta Ascolese (Dok. J);

9. Illi Maria Concetta Ascolese, xebba mietet fit-18 ta' Ġunju, 2011, u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 5 ta' April, 2001, fejn hija halliet l-eredità tagħha lil oħtha Maria Carmela Ascolese li mietet qabilha bid-dritt ta' sostituzzjoni a favor uliedha Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Therese sive Mathese Farrugia mart John, Carmela sive Ena Cauchi mart Anthony, Josephine sive Josepha Caruana mart Joseph u Marion Betts mart John ilkoll aħwa Izzo. L-imsemmija Marion Betts mietet fl-14 ta' Mejju, 2012, u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Mariona Fenech datat 7 ta' Marzu, 2006, fejn hija kienet innominat lir-ragel tagħha George Betts bhala l-werriet tagħha (Dok. J);

10. Illi Amelia Izzo mart Joseph Izzo li miet fil-11 ta' Jannar, 2006, ġiet nieqsa fis-29 ta' Marzu, 2016, u hija kienet għamlet testment fl-atti tan-Nutara Isabelle Gonzi datat 6

née, Emanuele, Giovanni, Maria Stella née, Antonia wife of Antonio Fasi, Amelia wife of Giuseppe Izzo, Carmela née, and Paolina née;

4. That on the 16th April, 1972, Canon Giuseppe Maria Ascolese died and in virtue of his last will in the records of Notary Joseph Vella Galea of the 22nd April, 1964, as his universal heir to four sisters, Vincenza, Maria Stella, Maria and Carmela above mentioned (Doc. D);

5. That John Ascolese died on the 27th March 1980 (Doc. E) and died intestate and thus his inheritance passed on to his three children Julie, Janet and Paul aħwa Ascolese. Paul Ascolese died intestate and his inheritance passed to Julie and Janet aħwa Ascolese. (Doc. F);

6. That on the 7th April, 1995, Vincenza Ascolese, unmarried, died. In virtue of her last will in the records of Notary Joseph Brincat dated 17th September, 1974, the said Vincenza Ascolese instituted as her heirs her three daughters Maria Concetta, Maria Stella and Maria Carmela (Doc. G);

7. That on the 11th February, 1998, Antonia Fasi wife of Anthony Fasi died intestate and her inheritance passed to her two children Julia Carol sive Carol Guerard wife of Ronald and Joseph aħwa Fasi. (Doc. H);

8. That on the 17th September, 2000, Maria Stella Ascolese, unmarried, died. In virtue of her last will in the records of Notary Joseph Brincat dated 17th September, 1974, and she had instituted as her heirs her maiden sister Vincenza (who died before her) above mentioned Maria Concetta and Maria Carmela aħwa Ascolese. (Doc. I) Maria Carmela Ascolese died unmarried on the 6th August, 2008, and she had a will in the records of Notary Remigio Zammit Pace dated 5th April, 2001, where she had left her inheritance to her sister Maria Concetta Ascolese (Doc. J);

9. That Maria Concetta Ascolese, unmarried died on the 18th June 2011 and she had a will in the records of Notary Remigio Zammit Pace dated 5th April, 2001, where she left her inheritance to her oath Maria Carmela Ascolese who died before her with the right of substitution in favour of her children Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Therese sive Mathese Farrugia wife of John, Carmela sive Ena Cauchi wife of Anthony, Josephine sive Josepha Caruana wife of Joseph and Marion Betts wife of John all Izzo. The said Marion Betts died on the 14th May, 2012, and she had a will in the records of Notary Mariona Fenech dated 7th March, 2006, where she had nominated her husband George Betts as her heir (Doc. J);

10. That Amelia Izzo wife of Joseph Izzo who died on the 11th January, 2006, was absent on the 29th March, 2016, and she had made a will in the records of Notary Isabelle Gonzi

ta' Diċembru, 2012, u hija kienet innominat lis-sitt uliedha, Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Theresa sive Marthese Farrugia mart John, Carmela sive Ena Cauchi mart Anthony u Josephine sive Josepha Caruana mart Joseph, aħwa Izzo bħala eredi universali (Dok. K) (Dok. AK1);

11. Illi Paula Maria sive Pauline Calleja armla ta' Joseph mietet fl-10 ta' Novembru, 2016, u li kellha testment fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras datat 9 ta' Lulju, 2014, fejn halliet l-eredità tagħha lill-Opri Missjunarji Pontifiċji,(Dok. L) u li huma parti mill-kawża stante illi qed jaqblu wkoll illi jsir dan il-bejgħ;

12. Illi fit-2 ta' Ġunju, 1973, miet Emanuel Ascolese li kellu 1/10 sehem u huwa ma kellux ulied u l-eredi tiegħu mhumiex magħrufa (Dok. M);

13. Illi l-atturi f'din il-kawża għandom 10/11 tas-sehem fil-fond imsemmi;

14. Illi l-atturi rnexxielhom wara diversi snin isibu l-bejgħ tal-fond bin-numru 29 fi Triq il-Foss, Paola, u ġie ffirmat konvenju sabiex jinbiegħ dan il-fond bil-prezz ta' €200,000 li huwa prezz ġust (Dok. N u N2). Anke skont l-istima tal-perit (Dok. O);

15. Illi l-esponenti jafu dawn il-fatti personalment;

16. Illi l-esponenti qegħdin jaqblu bejnietom kif jidher mill-firem tagħhom fuq l-istess konvenju u ma hemm l-ebda litiġu bejnietom dwar l-imsemmija proprjetà u għaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 495A(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Illi l-esponenti ilhom għal aktar minn tliet snin koproprjetarji tal-imsemmi fond;

18. Illi r-rikorrenti mhumiex f'pożizzjoni li jbigħu l-intier stante li hemm parti minn prozjon indiviż (1/10) fuq imsemmi għand l-eredi mhux magħrufa u għalhekk qed jipprevalixxu ruħhom mill-artikolu 495A tal-Kodici (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) ħalli jiġi approvat l-imsemmi bejgħ minn din l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

i) Tawtorizza l-bejgħ skont il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju hawn fuq imsemmi;

ii) Tiffissa data, ħin u lok fejn għandu jsir l-imsemmi kuntratt ta' bejgħ;.

iii) Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dott. Jean Carl Debono ħalli jippubblika l-att pubbliku relattiv;

dated 6th December, 2012, and she had nominated her six children, Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Theresa sive Marthese Farrugia wife of John, Carmela sive Ena Cauchi wife of Anthony and Josephine sive Josepha Caruana wife of Joseph, aħwa Izzo as universal heirs (Doc. K) (Doc. AK1);

11. That Paula Maria sive Pauline Calleja widow of Joseph died on the 10th November, 2016, and who had a will in the records of Notary Rosella Sciberras dated 9th July, 2014, where she left her inheritance to Pontifical Missionary Opera, (Doc. L) and who are part of the cause since they are also agreeing that this sale be made;

12. That on the 2nd June, 1973, Emanuel Ascolese died who had a 1/10 share and he had no children and his heirs are unknown. (Doc. M);

13. That the plaintiffs in this cause have 10/11 of the share in the premises mentioned;

14. That the plaintiffs succeeded after several years in finding the sale of the premises with number 29 in Triq il-Foss, Paola, and a preliminary agreement was signed to sell this premises for the price of €200,000 which is a just price (Doc. N and N2). Also according to the valuation of the architect (Doc. O);

15. That the applicants know these facts personally;

16. That the applicants are agreeing as appears from their signatures on the same preliminary agreement and there is no dispute between them regarding the said property and thus satisfy the requirements of Article 495A(2) of the Kap.16 of Laws of Malta;

17. That the applicants have been co-owners of the said premises for more than three years;

18. That the applicants are not in a position to sell the whole since there is part of an undivided share (1/10) above mentioned to the unknown heirs and thus they are availing themselves of Article 495A of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) in order that the said sale be approved by this Honourable Court.

Thus, the applicants are asking this Honourable Court:

i) Authorise the sale according to the conditions indicated in the preliminary agreement abovementioned;

ii) Fix the date, time and place where the said contract of sale is to be made;

iii) Appoint Public Notary Dr Jean Carl Debono to publish the relative public deed;

iv) Tordna l-kuraturi sabiex jidhru fuq l-att pubbliku relattiv sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese;

v) Tagħti direzzjoni u tordna lin-Nutar Pubbliku inkwistjoni ħalli jiddepożita s-sehem spettanti lill-intimati taht l-Awtorità tal-Qorti u dan wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi skont is-sentenza.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

L-Av. Duncan Borg Myatt
L-Av. Victor Scerri
14, Valletta Road, Paola
(duncanborgmyatt@hotmail.com)

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Novembru, 2024, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru,2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

iv) Order the curators to appear on the relative public deed to represent the unknown heirs of Emanuel Ascolese;

v) Direct and order the Notary Public in question to deposit the share due to the respondents under the authority of the Court and this after deduction of the relative costs according to the judgement.

With costs against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Adv. Duncan Borg Myatt
Adv. Victor Scerri
14, Valletta Road, Paola
(duncanborgmyatt@hotmail.com)

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed 26th November, 2024, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2317

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 326/2024FDP, li ġie ppreżentat fis-26 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Abdilla James vs Mathew Simil et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex iħallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Novembru, 2024, fid-.30 a.m.

Notifika Intimat: Mathew Simil, Apartment 1, Blk E, Belmonte Heights, Trejqet San Injazju, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Settembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd June 2024, in the records of Sworn Application numer 326/2024FDP, which was filed on the 26th March, 2024, in the names: Abdilla James vs Mathew Simil et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents in solidum to pay the applicants the damages so liquidated. With all costs and interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 7th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Mathew Simil, Apartment 1, Blk E, Belmonte Heights, Trejqet San Injazju, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 30th September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2318

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sezzjoni tal-Kummerċ, fit-23 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Commercial Section, on the 23rd February, 2024, in

Ġuramentat numru 3/2024ISB, li ġie ppreżentat fil-11 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet: Grenke Renting Limited vs Portem Tourism Ventures Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tal-kumpanija intimata Portem Tourism Ventures Limited a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(i) u/jew tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-kumpaniji. Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Portelli Mark, Portem Tourism Ventures Limited, 59, Triq il-Mediterran, Pembroke

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Settembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the records of Sworn Application number 3/2024ISB, which was filed on the 11th January, 2024, in the names: Grenke Renting Limited vs Portem Tourism Ventures Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the dissolution and consequential winding up of the respondent company Portem Tourism Ventures Limited in terms of Article 214 (2) (a) (i) and/or Article 214 (2) (b) (iii) of the companies Act. With costs against the respondent company.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 18th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Portelli Mark, Portem Tourism Ventures Limited, 59, Triq il-Mediterran, Pembroke

Registry of the Superior Courts, today 4th September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2319

ARB/C039/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT, maniġer ġenerali, ta' 58 sena, iben il-mejjet John Gatt u l-mejta Mary Gatt xebba Portelli,

ARB/C039/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th September, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT, general manager, 58 years, son of the late John Gatt and the late Mary Gatt née Portelli, born

imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-6 ta' Novembru, 1965, u residenti f'154, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, u/jew 42, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 523365M.

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED, inkorporata bl-isem ta' Medical Technology Services Ltd fil-15 ta' Novembru, 1978, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C4250 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 51, Edgar Bernard Street, Il-Gżira, Malta.

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

U

NEXIA BT LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil Dr Helga Buttigieg, bħala l-amministratriċi tas-soċjetà TECHNOLINE LIMITED, sabiex tesegwixxi pagament fl-ammont ta' €23,600 favur id-difensuri legali tal-imputat MARIO VICTOR GATT għas-servizzi provduti.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-

in Tal-Pietà, Malta, on the 6th November, 1965, and residing at 154, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, and/or 42, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Birkirkara, and holder of Maltese identity cCard bearing number 523365M.

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED, incorporated with the name Medical Technology Services Ltd on the 15th November, 1978, with Maltese registration number C4250 and registered address at 51, Edgar Bernard Street, Gżira, Malta.

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

AND

NEXIA BT LIMITED;

The Court AUTHORISES Dr Helga Buttigieg, as the Court appointed administrator for the accused TECHNOLINE LIMITED, to execute payment in the amount of €23,600 in favour of the defence counsel of the accused MARIO VICTOR GATT for services rendered.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 28th May, 2024, which was published in the Government Gazette on the 4th June, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-

Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, Ivan Vassallo, MARIO VICTOR GATT, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, TECHNOLINE LIMITED, Eurybates Limited, Taomac Limited, u Nexia BT Limited.

Illum 8 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, Ivan Vassallo, MARIO VICTOR GATT, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, TECHNOLINE LIMITED, Eurybates Limited, Taomac Limited, and Nexia BT Limited.

Today 8th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2320

AVVIŻ GĦALL-ĦATRA TA' AMMINISTRATUR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD).

FSV LIMITED, inkorporata fl-14 ta' Diċembru, 2005, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C37531 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 21, St Paul's Street, In-Naxxar, Malta.

Il-Qorti TAĦTAR lis-Sur Hector Spiteri bħala amministratur tas-soċjetà FSV LIMITED u b'seħħ immedjat jieħu f'idejh l-ġestjoni u l-amministrazzjoni ordinarja tas-soċjetà u tan-negozju kollu tagħha filwaqt li jieħu l-miżuri meħtieġa għall-preservazzjoni aħjar tal-assi.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 8 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

NOTICE FOR THE APPOINTMENT OF ADMINISTRATOR

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD).

FSV LIMITED, incorporated on the 14th December, 2005, with Maltese registration number C37531 and registered address at 21, St Paul's Street, Naxxar, Malta.

The Court APPOINTS Mr Hector Spiteri as the administrator for the company FSV LIMITED and with immediate effect take over the management and ordinary administration of the mentioned company and all its business while taking the necessary measures for the better preservation of assets.

This notice is being published in terms of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Today 8th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2321

ARB/C024/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 1055/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ARB/C024/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st October, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 1055/2023, in the case:

The Republic of Malta

Versus

PAUL PHILIP CARUANA, negozjant, ta' 53 sena, iben George Caruana u Helen Joan Caruana xebba Delicata, imwieled Melbourne, l-Awstralja, fil-15 ta' Diċembru, 1970, residenti f'78, Bastion View, Flat 15, Ix-Xatt, Tas-Sliema u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 524386M.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fis-26 ta' Jannar, 2024, fil-konfront tal-imputat PAUL PHILIP CARUANA qed tiġi limitata għas-segwenti proprjetà mobbli u immobbli:

Is-somma ta' miljun, mija u tmienja u sittin elf, sitt mija u sebgħa u erbgħin ewro (€1,168,647.00);

Il-flat bl-indirizz Flat 1, Cato Flats, 64, Triq il-Kappuċċini San Ġwann;

Il-flat bin-numru 6 u l-garaxx bin-numru 8, f'STS Court, Triq Jean de la Vallette San Pawl il-Baħar;

Il-proprjetà bl-indirizz 25, Lourdes House Triq il-Kappuċċini San Ġwann;

Iż-żewġ garaxxijiet fi Triq it-Tengħud tax-Xagħri, Il-Mosta;

L-art tal-kejl ta' 586 metru kwadru fi Triq Dun Bartolomeo Attard, Ħaż-Żebbuġ;

Il-proprjetà bl-indirizz Colerio House, Nru 166, Triq San Albert, Gżira;

Id-dar bl-indirizz 168, Triq San Albert, Il-Gżira;

bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun suġġetta għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) fis-26 ta' Jannar, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' April, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà PAUL PHILIP CARUANA.

Illum 8 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

PAUL PHILIP CARUANA, businessman, 53 years, son of George Caruana and Helen Joan Caruana née Delicata, born in Melbourne, Australia on the 15th December, 1970, residing at 78, Bastion View, Flat 15, Ix-Xatt, Tas-Sliema and holder of Maltese identity card bearing number 524386M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 26th January, 2024, against the accused PAUL PHILIP CARUANA is being limited to the following movable and immovable property:

The sum of one million, one hundred and sixty-eight thousand, six hundred and forty-seven euro (€1,168,647.00);

The flat at Flat 1, Cato Flats, 64, Triq il-Kappuċċini San Ġwann;

The flat numbered 6 and garage numbered 8 at STS Court, Triq Jean de la Vallette, St Paul's Bay;

The property at 25, Lourdes House Triq il-Kappuċċini San Ġwann;

The two garages in Triq it-Tengħud tax-Xagħri, Mosta;

The land measuring 586 meters squared in Triq Dun Bartolomeo Attard, Ħaż-Żebbuġ;

The property at Colerio House, Nru 166, Triq San Albert, Gżira;

The house at 168, Triq San Albert, Gżira;

as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 26th January, 2024, which was published in the Government Gazette on the 30th April, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to PAUL PHILIP CARUANA.

Today 8th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2322

ARB/C042/2023 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 575/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CARMELA BORG xebba BALDACCHINO, pensjonanta, ta' 68 sena, bint George Baldacchino u Carmela Baldacchino xebba Mifsud, imwielda Ħal Qormi, Malta, fil-15 ta' Jannar, 1956, u residenti ġewwa 405, 'Casa Borg', Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 117556M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata CARMELA BORG xebba BALDACCHINO sabiex tħallas is-somma ta' €833.20 lil Atlas Insurance PCC Limited rappreżentanti tat-tiġdid tal-poloz tal-assigurazzjoni tad-dar miżmuma f'isem l-imputata. Illi din is-somma għandha titnaqqas mill-ammont annwali li l-imputata hija intitolata tipperċepixxi.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) fis-26 ta' Settembru, 2023, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Ottubru, 2023, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' CARMELA BORG xebba BALDACCHINO.

Illum 8 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C042/2023 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd October, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 575/2023, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CARMELA BORG née BALDACCHINO, pensioner, 68 years, daughter of George Baldacchino and Carmela Baldacchino née Mifsud, born in Ħal Qormi, Malta, on the 15th January, 1956, and residing at 405, 'Casa Borg', Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, and holder of Maltese identity card bearing number 117556M.

The Court AUTHORISED the accused CARMELA BORG née BALDACCHINO to pay the sum of €833.20 to Atlas Insurance PCC Limited representing the renewal of the home insurance policies held in the name of the accused. That this sum shall be deducted from the annual amount which the accused is entitled to perceive.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 26th September, 2023, which was published in the Government Gazette on the 3rd October, 2023, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to CARMELA BORG née BALDACCHINO.

Today 8th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2323

ARB/C027/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD).

ARB/C027/2024 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD).

Il-Pulizija
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

PIERRE CREMONA;

OWEN CREMONA, impjegat, ta' 25 sena, iben Pierre Cremona u Iris Cremona xebba Ciantar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Awwissu, 1999, residenti fi 392, 'Ġesù Redentur', Triq San Tumas, Ħal Tarxien, u/jew 'Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 298899M.

U

STEFANO MONTEBELLO;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana sabiex jirrilaxxa l-ordni bil-Waybill numru 006-32618523 favur l-imputat OWEN CREMONA.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' April, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Mejju, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Pierre Cremona, OWEN CREMONA, u Stefano Montebello.

Illum, 8 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Police
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

PIERRE CREMONA;

OWEN CREMONA, employee, 25 years, son of Pierre Cremona and Iris Cremona née Ciantar, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th August, 1999, residing at 392, 'Ġesù Redentur', Triq San Tumas, Ħal Tarxien, and/or 'Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Mosta, and holder of Maltese identity card bearing number 298899M.

AND

STEFANO MONTEBELLO;

The Court AUTHORISES the Commissioner for Revenue and Customs to release the order with Waybill number 006-32618523 in favour of the accused OWEN CREMONA.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 28th April, 2024, which was published in the Government Gazette on the 3rd May, 2024 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Pierre Cremona, OWEN CREMONA, and Stefano Montebello.

Today, 8th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2324

B'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Ottubru, 2023, minn HSBC Bank Malta plc, Subbasta bin-numru 51/23 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc bin-numru

By a decree given on the 3rd October, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 19th October, 2023, by HSBC Bank Malta plc, Judicial file number 51/23 in the names HSBC Bank Malta plc with

tar-reġistrazzjoni C3177 vs Alexei Gafa (KI 34480M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-garaxx sitwat fil-livell groundfloor jew livell stradali, bin-numru uffiċjali tnax (12) fi Triq Sant'Emidju, iż-Żejtun, sottostanti proprjetà ta' terzi, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank.

L-imsemmi garaxx huwa proprjetà ta' Alexei Gafa (KI 34480M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

the registration number C3177 vs Alexei Gafa (ID 34480M) being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The garage is situated at ground floor level or street level, officially numbered twelve (12) in Triq Sant' Emidju, Żejtun, underlying third parties property, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered.

The said garage is the property of Alexei Gafa (ID 34480M).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 9th October, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2325

B'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Garaxx bin-numru uffiċjali tnax (12) fi Triq Sant'Emidju, iż-Żejtun, sitwat fil-livell tal-pjan terren, bil-bieb għal fuq it-triq u sottostanti għall-fond numru ħdax (11) u jinsab interkonness miegħu permezz ta' bieb fil-ħajt tax-xellug inti u dieħel, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank stmat li jiswa tmienja u ħamsin elf ewro (€58,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexei Gafa (KI 34480M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 51/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 3rd October, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court First Hall on 29th April, 2024, on the application of HSBC BANK MALTA plc (C3177), Thursday, 7th November, 2024, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, nearby the Court of Justice, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Garage officially number twelve (12) in Triq Sant'Emidju, Żejtun, situated ground-floor level, with the door facing the street and underlying the property number eleven (11) and is interconnected with the said through a door on the left side wall from the entrance, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered and valued at fifty-eight thousand euro (€58,000).

The said tenement is the property of Alexei Gafa (ID 34480M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 51/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 9th October, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*